17 ta' Settembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Paul Pisani

## Makkinarju — "Transmission Machinery" — Ripar — Art. 16(a) Factories Ordinance, 1940

*Skond ir-Regolamenti maħruġa taħt il-"Factories Ordinance, 1940", kull parti mit-"transmission machinery" trid ikollha ripar tajjeb, "securely fenced", ħlief fil-każ li, minħabba fil-pożizzjoni jew kostruzzjoni tagħha, tkun, għal min ikun mpjegat jew jaħdem fil-post, bla perikolu daqs kieku kellha ripar tajjeb.*

*Ir-Regolamenti ma jiddistingwux bejn parti u oħra, bejn ħaddiem u ieħor, jekk ikunx regolari jew okkażjonali, jekk ikunx jaħdem fil-makkinarju jew xort'oħra. Ikun hemm dispensa mir-ripar fil-każ biss li l-pożizzjoni jew l-għamla tal-makkinarju tkun toffri l-istess protezzjoni li jkun joffri ripar effiċjenti. U għalhekk, l-għoli tal-makkinarju mill-art ma jiddispensax mill-osservanza tal-obligu tar-ripar kemm il-darba r-ripar ikun jirrendieħ anqas perikoluż milli mingħajru.*

*Huwa, mbgħad, ġuridikament irrilevanti jekk ir-ripar ikunx kummerċjalment prattikabbli, jew ikunx mekkanikament impossibbli; billi r-regolament impliċitament jipprojbixxi l-użu ta' makkinarju mingħajr ripar.*

*Jekk il-proprjetarju ta' fabbrika jiġi mħarrek talli naqas milli jipprovdi dan ir-ripar fil-makkinarju u fil-kors tal-kawża huwa jneħħi l-parti nkriminata tal-makkinarju u jipprovdi oħra bir-ripar meħtieġ, dan ma jinnewtralizzax il-vjolazzjoni tal-liġi ġa kompjuta.*

Il-Qorti; — Rat ir-rikors li biħ l-imsemmi Paul Pisani appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tas-6 ta' Ġunju 1957, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-imputat ġie misjub ħati li bħala proprjetarju ta' "The Modern Matches Manufacturing Company Ltd." naqas li jipprovdi "guards" f'ċerti partijiet tat-"transmission machinery" mwaħħla f'dik il-fabbrika, u ġie kundannat għal multa ta' £10, bi żmien tliet xhur biex juniforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' 5s. kull-jum;

— Eżaminat l-atti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi fil-fabbrika "The Modern Matches Manufacturing Coy. Ltd.", il-Marsa, li tagħha l-appellant hu wieħed mid-diretturi, diversi partijiet tal-makkinarju hemm eżistenti, magħrufa bħala "transmission machinery" skond l-art. 16 (a) tar-Regolamenti maħruġa taħt il-Factories Ordinance, 1940, ma ġewx provvduti b'ripar tajjeb kif jirrikjedi l-artikolu 7(c) ta' dawk ir-Regolamenti;

Jagħmlu parti mit-"transmission machinery" il-"line shafting" u l-"counter-shafts" bil-"pullies", indikati mill-espert fir-relazzjoni tiegħu fil-fol. 28 tal-proċess, li huma għolja mill-art fuq id-disgħa piedi u jintlaħqu b'sellum jew mezz ieħor. L-art. 7(c) tar-Regolamenti jiddisponi li kull parti tat-"transmission machinery" trid ikollha ripar tajjeb, "securely fenced", ħlief fil-każ li, minħabba fil-pożizzjoni jew kostruzzjoni tagħha, tkun, għal min ikun impjegat jew jaħdem fil-post, bla perikolu daqs kieku kellha ripar tajjeb. Ir-Regolamenti ma jiddistingwux bejn parti u oħra, bejn ħaddiem u ieħor, jekk ikunx regolari jew okkażjonali, jekk ikunx jaħdem fil-makkinarju jew xort'oħra. Ikun hemm dispensa mir-ripar fil-każ biss li l-pożizzjoni jew l-għamla tal-makkinarju tkun toffri l-istess protezzjoni li ikun joffri ripar effiċjenti. L-għoli, għalhekk, tal-makkinarju mill-art ma

jiddispensax mill-obligu tar-ripar, kemm il-darba r-ripar ikun jirrendieh anqas perikoluż milli mingħajru. Dan l-obligu huwa ntiż biex jipprevjeni lill-ħaddiem milli jiġi a kontatt ma' parti perikoluża tal-makkinarju; u huwa objettiv u impersonali, bħala miżura ta' prevenzjoni anki kontra r-riskju jew diżattenzjoni ta' min ikun jaħdem fil-post;

Dak ir-regolament huwa riproduzzjoni testwali tal-art. 13 tal-Att Ingliż "The Factories Act, 1937"; u ġie deċiż mill-Qrati Ingliżi, dwar l-espressjoni "securely fenced", illi "This means the erection of a barricade to prevent an employee from making contact with the machinery"; u fuq l-espressjoni "position", illi "Even though the machinery is in a position which is normally out of reach of workmen, an injury to a workman who approaches the machinery, e.g. to change a belt on shafting 13 feet above the floor, even if caused by disobedience to a foreman's orders, will clearly show that the machinery is not "securely fenced", and is unsafe" (Halsbury's Statutes, 2nd edition, Vol. 9, pp. 1009-10);

Fl-"Industrial Accident Prevention Bulletin — August 1953", hemm riportat każ ta' ħaddiem li waqt li kien jiżbogħ "boiler feed chute" ġie maqbud mit-"transmission shaft", għoli 10 piedi u 3 pulzieri mill-art; u hemm dal-komment:— "This was clearly a further example of a firm that had relied upon the fact that the shafting was to all intents and purposes out of the way, and therefore safe by position. Unfortunately, as in numerous cases in the past, the fallacy of this was proved by an operation which differed from normal routine";

Fl-istess publikazzjoni — April 1954 — hemm każ ieħor, ta' ħaddiem li kellu istruzzjonijiet li jillubrika makkinarju meta jkun wieqaf, u nstab mejjet b'sellum ħdejh mal-ħajt waqt li l-makna kienet wieqfa. Ġie osservat:— "The man should not have approached the shaft while it

was in motion. Even so, this does not excuse the failure to guard the shaft and so prevent the fatal consequence of an unwise act. The ease with which it could be approached — merely by the use of a short ladder or a pair of stairs — rules out a suggestion made on behalf of the firm that it was safe by position";

Huwa mbgħad ġuridikament irrilevanti jekk ir-ripar ma jkunx kommerċjalment pratikabbli, jew ikun mekkanikament impossibbli, billi r-regolament fuq riferit impliċitament jipprojbixxi l-użu ta' makkinarju mingħajr ripar;

Illi f'dan il-każ it-"transmission machinery", li qegħedha fl-għoli, mhix f'pożizzjoni jew ta' kostruzzjoni tali li ma tkunx ta' perikolu daqs kieku kellha ripar tajjeb. L-espert, infatti, indika kif jidhirlu li r-ripar jista' jsir; u ovvjament ripar effiċjenti jagħti lill-makkinarju dak l-element ta' protezzjoni li l-pożizzjoni u l-kostruzzjoni tiegħu ma joffrux;

Illi għalhekk, kif irriteniet l-Ewwel Qorti, l-appellant kiser l-imsemmi regolament fir-rigward tal-partijiet tat-"transmission machinery" indikati fis-sentenza appellata. L-espert ta l-opinjoni tiegħu kif għandu jsir ir-ripar. Ma jappartjenix lill-Qorti li tindika kif dan għandu jsir; imma s-suġġerimenti tal-espert l-inġinier Robert Galea, bħala persuna ferm kompetenti f'din il-materja, ikunu jistgħu jservu ta' gwida lill-appellanti u lil kull interessat; salv illi l-mezz adoperat ikun fil-fatt skond il-vot tal-liġi bħala preventiv tal-ħsara. Li matul il-kawża parti mill-makkinarju nkriminat tneħħa, u parti oħra ġiet provvduta b'ripar, ma jinnewtralizzax il-vjolazzjoni diġà kompjuta tal-liġi; u jidher, mill-piena applikata, li l-Ewwel Qorti qieset dik iċ-ċirkustanza;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.